Avviz Numru CCT 143/15/GB

**Sandro Sammut**

**vs**

**Future Focus Ltd**

Illum 24 ta' Frar 2016

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-8 ta' Lulju, 2015 fejn ir-rikorrent talab danni morali flimkien ma' rifuzjoni ta' elfejn disgha mija tlieta u ghoxrin Ewro u erbgha u erbghin centezmi (€2923.44), rapprezentanti l-prezz ta' sebgha mitt Ewro (€700.00) li hallas lis-socjeta' attriċi ghal *'International Diploma in Office Management and Administration'*, liema kors m'huwiex rikonoxxut bhala kwalifika mill-istituzzjonijiet relevanti fil-pajjiz; flimkien ma' l-ammont ta' elfejn mitejn tlieta u ghoxrin Ewro u erbgha u erbghin centezmi (€2,223.44) rapprezentanti telf ta' qligh li sofra r-rikorrent minhabba nuqqasijiet da parti tas-socjeta' ntimata.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent, li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taccirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Ir-rikorrent ghamel *'International Diploma in Office Management and Administration'* wara illi sar jaf illi s-socjeta' ntimata kienet qed toffri dan il-kors.

Ir-rikorrent kien hallas sebgha mitt Ewro (€700.00) biex ghamel dan il-kors.

Illi hu nghata *International Diploma* minghand *'Cambridge International College'*.

Illi fid-9 ta' Lulju 2013, ir-rikorrent applika ghal vacancy 255478 bhala *Executive* mal-*Employment and Training Corporation* (ETC) u kif ukoll ghal vacancy ohra mal-ETC 259976 fit-3 ta' Settembru 2013 bhala *Casual Substitute Clerk.* Aktar tard wara illi gew ezaminati l-applikazzjonijiet tar-rikorrent, hu gie mgharraf illi d-Diploma tieghu ma kienx akkreditat u ma kienx qed jigi rikonoxxut.

Illi gie konfermat permezz ta' ittra mibghuta mic-Centru Malti ghal-Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni (MQRIC) lir-rikorrent, datat it-2 t'Awissu 2013, illi:

*Cambridge International College does not feature in the list of recognised awarding body offering qualifications accredited by the regulatory authorities in England, Wales and Northern Ireland namely the Office of the Qualifications and Examinations Regulator (Ofqual).*

*Thus, in the circumstances MQRIC cannot recognise the above mentioned qualification.*

Illi ghalhekk l-applikazzjoni illi kien ghamel ir-rikorrent mal-ETC ma gietx accettata minhabba illi tali Diploma mhux rikonoxxuta mill-imsemmija istituzzjoni u effetivament l-istess rikorrent tilef zewg opportunitajiet ta' xoghol.

Illi minkejja dan kollu s-socjeta' ntimata permezz ta' ittra datata it-8 t' Awissu 2013 xorta sahqet illi dan il-kors huwa *a level 4 course on the MQF.*

Illi fil-15 ta' Settembru 2014 ir-rikorrent kien baghat ittra legali lis-socjeta' ntimata illi baqghat inadempjenti.

Illi l-partijiet ipprovaw jaslu ghal soluzzjoni bonarja imma dawn it-trattattivi ma rnexxewx.

Illi proceduri ta' medjazzjoni quddiem l-MCCAA infethu imma kellhom ezitu negattiv u tali medjazzjoni inghalqet fl-4 ta' Mejju 2015.

Illi ghalhekk kellhom jittiehdu dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant qed jintalab mir-rikorrent is-segwenti:

1. Jigi dikjarat illi s-socjeta' ntimata hija responsabbli tad-danni li r-rikorrent sofra, konsistenti fi hlas ghal kors li jwassal ghal Diploma li m'huwiex akkreditat, fl-ammont ta' sebgha mitt Ewro (€700.00) u telf ta' qligh ammontanti ghal elfejn mitejn tlieta u ghoxrin Ewro u erbgha u erbghin centezmi (€2223.44) u kif ukoll danni morali.
2. Jigu likwidati d-danni in kwistjoni konsistenti fi:
   - i. Sebgha mitt Ewro (€700.00) prezz tal-kors liema ammont thallas lis-socjeta' ntimata
   - ii. Elfejn mitejn tlieta u ghoxrin Ewro u erbgha u erbghin centezmi (€2223.44) li huwa lost income li seta' qala' l-attur imma li ma qalax minhabba li ma giex accettat mill-ETC ghax-xoghol li applika ghalih minhabba illi d-Diploma li ghamel mas-socjeta' ntimata mhux akkreditat u accettat.
   - iii. Danni morali konsistenti fil-fatt illi l-attur ghamel dan il-kors ghal xejn u hela l-hin tieghu, apparti l-iskarigg kollu relatat ma' din il-kwistjoni.

3. Is-socjeta' ntimata tiġi kkundannata tħallas l-imsemmija ammonti.

Bl-ispejjez u bl-imghax kollha kontra s-socjeta' ntimata sal-pagament effettiv.

Ir-rikorrent ezebixxa dokumentazzjoni relattiv.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

It-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jiġu michuda ghar-ragunijiet segwenti:-

Illi r-rikorrent applika ghall-kors minnu maghzul u spiccah b'success ghall-ghan illi hu ried jilhaq bil-kors illi kien qieghed jaghmel;

Illi r-rikorrent meta applika ghall-kors ma kien imkien imnizzel fil-materjali promozzjonali li tali kors huwa rikonoxxut mill-*National Commission for Further and Higher Education* (NCFHE);

Illi inoltre, l-istess socjeta' ntimata qatt ma tat xi garanzija illi l-kors maghzul mill-istess rikorrent ser ikun dejjem ta' livell mehtieg u in oltre, is-socjeta' ntimata m'ghandha l-ebda kontroll dwar jekk il-livelli jinbidlu wara illi jinbeda kors maghha;

Illi, inoltre, is-socjeta' ntimata m'ghandha l-ebda kontroll dwar liema livell ta' korsijiet *employers* prospettivi japplikaw u jekk *employers* prospettivi jitolbu livelli ta' korsijiet ghola minn dak accettati fuq bazi nazzjonali, dan m'ghandhiex twiegeb ghalih is-socjeta' ntimata;

Illi, inoltre, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-istess rikorrent seta' jkompli bl-istudji tieghu u juza l-kors in kwistjoni bhala bazi ghal korisijiet ohrajn sabiex jgholli l-livell tieghu;

Illi, sussidjarjament u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrent ma sofra l-ebda danni reali li ghalihom tahti s-socjeta' ntimata u kwindi m'ghandux dritt ghal ebda kumpens ghal danni reali; u jekk il-pretenzjoni tieghu hija wkoll fir-rigward ta' danni morali, dawn huma eccessivi.

B'riserva ghal eċċezzjonijiet ohrajn illi jistghu jingiebu fil-kors tal-kawza.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

Xehdet Catherine Sammut, prodotta mir-rikorrent.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata, fix-xhieda guramentata taghha, regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, fejn ziedet tistqarr illi hija kienet offriet, minghjar

pregudizzju, r-rifuzjoni ta' sebgha mitt Ewro (€700.00) lir-rikorrent, li ma kienx accetta. Kompliet tistqarr illi llum il-gurnata hija qieghda tirtira din l-offerta.

It-Tribunal sema' s-sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, u fuq ezaminazzjoni tal-provi, b'referenza partikolari ghad-dokumenti ezebiti mir-rikorrent flimkien mat-talba tieghu, minn fejn jirrizulta ampjament car illi nonostante l-fatt illi hekk skond is-socjeta' ntimata l-kors in kwistjoni *"is a Level 4 course on the MQF"* (Dok.SS4), dan gie nnegat mill-MQRIC fejn irrizulta minn Dok.SS3 li: *"MQRIC cannot recognise the above mentioned qualification."*, jikkonkludi illi kien hemm nuqqas serju ta' servizz da parti tas-socjeta' ntimata. Illi, fuq ezaminazzjoni tal-provi, b'referenza partikolari ghal Dok.SS2, giet ukoll ippruvata u sostanzjata t-talba tar-rikorrent ghat-telf ta' qligh minhabba nuqqasijiet da parti tas-socjeta' ntimata. Illi ghalhekk, u ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrent u jordna lis-socjeta' ntimata thallas l-ammont ta' elfejn disgha mija tlieta u ghoxrin Ewro u erbgha u erbghin centezmi (€2923.44) lir-rikorrent, bl-ispejjez tal-kawza u bl-imghax b'effett mid-data tas-sentenza kontra s-socjeta' ntimata.

Illi, it-Tribunal, wara li ra l-Artikolu 21(2) tal-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jordna wkoll lis-socjeta' ntimata thallas l-ammont ta' hames mitt Ewro (€500.00) lir-rikorrent, bhala danni morali ghall-ansjeta' u l-inkonvenjenza kkawzata lilu mill-istess socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**